**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**21 ta' Marzu, 2021**

# IL-FAMILJA LI TITLOB

Għal Jum id-**Duluri ta' Marija**, li niċċelebrawh nhar il-Ġimgħa 26 tax-xahar nissuġġerilkom taqraw ftit versi minn kapitlu 19 tal-Vanġelu ta' San Ġwann: versi 17 sa 27. Din is-silta tal-Vanġelu turi lil Marija taħt is-salib.

Din is-sena mhix se ssir il-purċissjoni devota li soltu ssir. Minflok se tixxandar **Via Sagra** mill-Isqof, mill-Katidral. Il-parroċċa se tagħmel share fuq il-paġna tal-Facebook tagħha. Din ix-xandira tibda fis-7:30p.m.



Xi ħaġa li nistgħu u għandna nagħmlu nhar id-Duluri, hija li ngħidu t-talba għażiża tar-**Ružarju** fil-familja. Tkun ħaġa sabiħa li nitolbu għal min għaddej mid-duluri minħabba l-pandemija, bħal dawk li sfaw bla xogħol jew li tgħabbew b'piżijiet finanzjarji li mhux ilaħħqu magħhom. Il-Papa Franġisku jistedinna biex nitolbu għal dawk li għaddejjin mill-qilla ta' gwerra ċivili fil-Myanmar.

F'Ħadd il-Palm għandu jkollkom **sussidju ta' talb** għall-familji. Dan qiegħed jitħejja għall-parroċċi kollha.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja lid-distributuri tal-bullettin li aċċettaw li jkomplu jqassmuh.

***L-Arċipriet***

---

**SENA ĊENTINARJA - 23:** Fost attivitajiet oħra l-membri tal-Leġjun ta' Marija jorganizzaw ħidma fil-beraħ bis-sehem tal-parroċċa biex jingħad ir-Ružarju u talb ieħor fi nħawi differenti speċjalment f'Mejju u f'Ottubru.

**ROKNA EKOLOĠIKA:**

Fil-ktieb *Let us Dream* li ħareġ ftit xhur ilu, il-Papa Franġisku ġie kkwotat li qal hekk:

"If you think abortion, euthanasia and the death penalty are acceptable, your heart will find it hard to care about the contamination of rivers and the destruction of the rainforest."

## L-ARKA RESPITE CENTRE GĦANDHA BŻONNOK!

Minħabba l-lockdown li qed ngħixu bħalissa, il-ġabra li s-soltu nagħmlu għall-Arka Respite Centre se jkollna nipposponuha għal data oħra aktar 'il quddiem. PERÒ, qed nitolbu l-għajnuna tagħkom biex niġbru xi materjal meħtieġ għal din id-dar. Għal raġunijiet ta' saħħa, napprezzaw jekk il-materjal li jinġieb ikun ġdid.



Għandna bżonn:

1. ložor single bed (sajf u xitwa)
2. xugamani
3. face cloths
4. srievet
5. detergents għall-ħasil tal-ħwejjeġ

Min jista' jgħin, napprezzaw ħafna l-għajnuna tagħkom. Tistgħu ġġibu l-affarijiet l-Uffiċċju Parrokkjali nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa mid-9:00am sal-11:30am.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am